**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 26 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 18/2016 AF**

**Ganni Attard**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**u**

**Id-Direttur Generali tal-Veterinary and Phyto Sanitary Regulation**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Ganni Attard, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Nhar is-Sibt, tlieta (3) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnax (2012) id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation, Dr. Anthony Gruppetta, ta ordni sabiex merħla mdaqqsa ta' nagħaġ, propjetà tar-rikorrent, tiġi maqtula.

Ir-raġuni li ngħatat għal din id-deċiżjoni arbitrarja kienet illi din il-merħla nagħaġ ma kienitx debitament reġistrata mad-Dipartiment konċernat, u kwindi ma setax jirrintraċċa l-oriġini tal-merħla.

Ir-rikorrent kien safà arrestat mill-Pulizija Eżekuttiva mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u għalhekk kien fl-impossibilità fiżika li huwa jaġixxi sabiex jissalvagwardja l-ħajja tal-annimali kif ukoll milli jħares il-propjetà tiegħu.

Eventwalment wara ħafna tentattivi, r-rikorrenti rnexxielu jippreżenta Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 54/2012 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fl-ismijiet Ġanni Attard et vs Dr. Anthony Gruppetta noe et, u b'hekk l-intimat Direttur Ġenerali tal-Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation ġie miżmum milli jkompli jwettaq il-qtil tan-nagħaġ b'mod abbużiv.

Madanakollu, fil-fatt kienet laħqet inqatlet parti sostanzjali minn din il-merħla fl-ammont ta' mitejn u sittax (216)-il nagħġa, li kienu ġejjin bit-tieni wild tagħhom u waslu fl-aħħar ħmistax tat-tqala tagħhom biex iweldu, filwaqt li kien baqà parti oħra ta' din il-merħla li kienet għadha ma nqatlitx.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq imsemmi ġie milqugħ b'mod definittiv fid-disgħa (9) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnax (2012) u b'hekk il-kumplament tal-merħla ma nqatlitx.

Eventwalment, ir-rikorrenti intavola rikors ġuramentat in sostenn tal-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq imsemmi, fl-ismijiet Ġanni Attard vs Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation Numru 114/2012 u li permezz tiegħu talab illi jiġi dikjarat illi d-deċiżjoni tal-intimat konsistenti fl-esterminazzjoni tal-merħla kollha ta' nagħaġ ta' l-attur hija waħda: (i) illegali; (ii) ultra vires; (iii) magħmula minn awtorità pubblika illi m'hijiex awtorizzata biex twettaqha; (iv) tikkostitwixxi abbuż ta' setgħa ta' l-awtorità pubblika billi dan sar għal raġunijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; (v) saret bi ksur tal-prinċipji tal-ġusizzja naturali, *audi alteram partem* u *nemo iudex in causa propia*; tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu; u tagħti dawk l-ordnijiet kollha illi jidhrilha neċessarji u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

L-ewwel Onorabbli Qorti permezz ta' sentenza tal-ħdax (11) ta' Lulju, tas-sena elfejn u erbatax (2014) ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-kovenut u laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra u ċaħdet it-talbiet attriċi.

Ir-rikorrenti ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti u interpona appell minn dik id-deċiżjoni.

Il-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sittax (2016) ukoll ċaħdet l-appell tar-rikorrenti u kkonfermat is-sentenza appellata fl-intier tagħha.

L-effetti tas-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti, kif konfermata permezz tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, kif ukoll il-modalità kollha kif magħduda flimkien ta' kif ittieħdu l-proċedimenti kollha tal-każ jiksru id-drittijiet Fundamentali tar-rikorrenti senjatament l-Artikoli 5, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, l-Artikolu 1 tal-1el Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u l-Artikoli 34, 37, 38, u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Id-drittijiet leżi lir-rikorrenti Ġanni Attard ser jiġu spjegati kif ġej:

L-esponenti bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu għal-libertà meta huwa ġie pprivat mil-libertà tiegħu mingħajr ebda raġuni valida għal tali detenzjoni, u meta huwa ma ġiex minnufih mgħarraf dwar l-akkużi, jekk kien hemm, kontra tiegħu.

Jibda biex jingħad illi l-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Ġanni Attard ġew leżi sa mill-bidu nett ta' din is-saga kollha u dan meta huwa safà arrestat mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u infatti kien mitlub sabiex jakkumpanja lill-Pulizija lejn l-Għassa tal-Għarb wara li marru jfittxuh u sabuh fl-Għarb, Għawdex u imbagħad lejn l-Għassa tar-Rabat, Għawdex.

Kien biss meta l-esponenti Ġanni Attard ġie meħud fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex għall-ħabta tad-9:30a.m. li huwa ġie infurmat mill-iSpettur Frank Anthony Tabone li kienu ġejjin il-Maltin u ser jibdew joqtlu n-nagħaġ. Jingħad ukoll illi l-Maġistrat tal-Għassa, Maġistrat Josette Demicoli, fl-ebda mument ma tat ordni lill-iSpettur Frank Anthony Tabone sabiex ikun hemm l-arrest ta' Ġanni Attard u minkejja dan, l-iSpettur Frank Anthony Tabone żamm arrestat lil Ġanni Attard minn żewġ pulizija fl-uffiċċju tiegħu mingħajr ma sarulu l-ebda domandi jew itteħidlu xi *statement*, filwaqt li ma ngħata l-ebda raġuni valida l-għaliex Ġanni Attard kien qiegħed jiġi arrestat. Dan l-arrest dam bejn id-9:30 a.m u l-3:45 p.m., fosthom anke fil-*lock up* tal-Pulizija għall-ebda raġuni valida. Jiżdied jingħad illi Ġanni Attard ma saritlu l-ebda akkuża u sal-ġurnata ta' llum ma nħarġulu jew ma ġiex akkużat quddiem l-ebda Qorti b'xi tip ta' akkuża. Isegwi għalhekk illi l-arrest tar-rikorrenti Ġanni Attard ma kellu l-ebda raġuni fil-Liġi.

L-esponenti ġie ulterjorment imċaħħad mid-dritt tal-protezzjoni tal-propjetà sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta l-merħla tiegħu ġiet sterminata u nqatlu xejn anqas minn mitejn u sittax (216)-il nagħġa mill-merħla tiegħu mingħajr ma huwa lanqas biss kien infurmat.

Ir-rikorrenti ġie mċaħħad talli nhar is-Sibt, 3 ta' Novembru, 2012 huwa, filwaqt li nżamm arbitrarjament mill-Pulizija Eżekuttiva, kienet fl-istess waqt qed issir il-qatla tal-merħla tan-nagħaġ fir-razzett tiegħu fl-inħawi tal-Barriera tal-Pirwilin, fl-Għarb, Għawdex. B'hekk Ġanni Attard ġie pprivat milli jkollu possediment tal-propjetà tieghu u ġie mċaħħad milli jassigura l-possedimenti tiegħu u b'hekk tali merħla ġie deċimata.

Di più, ir-rikorrent Ġanni Attard ġie mċaħħad mill-protezzjoni li jagħti l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta huwa ġie assoġġettat għat-tfittix fil-propjetà tiegħu u għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu mingħajr ebda raġuni valida u mingħajr ma tali deċiżjoni arbitrarja ġiet qabel komunikata lill-esponenti.

Infatti sal-mument li huwa kien qiegħed fl-Għassa tal-Pulizija fir-Rabat, Għawdex, huwa ma kellux l-iċken ħjiel ta' x'kien qiegħed jiġri fil-propjetà tiegħu u minkejja li tali azzjoni kienet qegħda ssir minn korp kostitwit skond il-Liġi, huwa ġie mċaħħad milli jkollu aċċess għall-istess propjetà tiegħu.

Marbuta ma dan, hemm il-ksur lampanti tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali – Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġie miksur b'mod mill-aktar sfaċċat meta tali annimali, filwaqt li ma jaħtu xejn, ġew maqtula u sterminati għal xejn b'xejn.

Filwaqt li l-ħajja tal-annimali għandha tiġi protetta u l-iStat għandu jagħmel ħiltu sabiex ma jħallix li jsiru atti ta' moħqrija lejn l-annimali, ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti, meta ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu sanċit bl-Artikolu 34 meħud flimkien ma' l-Artikolu 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u d-dispożizzjonijiet relattivi tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, ġie anke effettivament inibit milli jiżgura li l-ħajja tal-annimali, possedimenti tiegħu, jiġu salvagwardjati u ma jinqatlux brutalment hekk kif effettivament ġara.

Ir-rikorrent Ġanni Attard, jissottometti ulterjorment illi d-drittijiet tiegħu sanċiti ai termini tal-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, sabiex huwa jkollu proċediment ġust u sabiex tali deċiżjoni tkun msejsa fuq il-Liġi

ġew ivvjolati b'tali mod u manjiera illi d-deċiżjoni meħuda mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tal-11 ta' Lulju, 2014 u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar, 2016 ma ġewx imsejsa fuq dispożizzjoni legali li joħorġu b'mod ċar mill-Liġi iżda ġew arbitrarjament imposti fuq ir-rikorrenti mingħajr ebda raġuni valida fil-Liġi.

Ir-rikorrenti, permezz tal-proċeduri legali istitwiti minnu talab illi d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation sabiex tinqatel il-merħla tan-nagħaġ propjetà tiegħu tiġi maqtula, tiġi dikjarat illegali, *ultra vires*, magħmula minn awtorità pubblika illi m'hijiex awtorizzata biex twettaqha, tikkostitwixxi abbuż ta' setgħa ta' l-awtorità pubblika billi dan sar għal raġunijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux relevanti, u li saret bi ksur taż-żewġ prinċipji tal-ġustizzja naturali fuq imsemmija, kif ukoll sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu.

Jintqal li minn imkien ma jirriżulta li hemm xi liġi partikolari li tippermetti li n-nagħaġ, huma kif inhuma, miżmuma kif miżmuma, jistgħu jinqatlu jew b'xi mod jiġu sterminati. Illi d-deċiżjonijiet tal-Qrati hawn fuq imsemmija, bħal fatta jsibu konfort fil-fatt illi ladarba n-nagħaġ ma humiex debitament reġistrati, jew li l-post li fih kienu qegħdin jinżammu ma kienx f'konformità mal-Liġi, allura dan jagħti mano libera lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulations sabiex joqtol l-imsemmija nagħaġ.

Għandu jiġi ritenut li l-uniku okkażjoni fejn tista' tiġi ordnata l-qatla tal-annimali hija biss meta, **annimal huwa suspettat li għandu marda** – Artikolu 76 tal-Kap. 36 tal-Liġijiet ta' Malta. F'pajjiż fejn l-iStat jinsab avvanzat ferm fuq studji u testijiet mediċi ta' l-annimali, id-Direttur konċernat ma setà qatt raġonevolment jibbaża t-teżi tiegħu illi l-annimali kienu suspettati li huma morda sempliċement minħabba li dawn ma kenux reġistrati. Isegwi wkoll, illi l-uniku raġuni li ngħatat sabiex issejjes il-qatla tan-nagħaġ in kwistjoni kienet biss illi tali nagħaġ ma kienux konformi mar-regolamenti relattivi, argument li ġie ampjament kontradett mit-testijiet li saru mill-istess Dipartiment Veterinarju fuq il-216-il nagħġa maqtula meta dawn ma

rriżultatx lanqas waħda biss li hija pożittiva għal xi mard. Għalhekk isegwi li d-deċiżjoni arbitrarja meħuda mid-Dipartiment konċernat kienet bi ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali hawn fuq imsemmija stante li dawn ma kienux msejsa fuq dispożizzjoni legali speċifika iżda merament b'mod indirett fuq suspett li peress li dawn in-nagħaġ ma kienux reġistrati, għalhekk ġew ikkunsidrati morda, ħaġa li effettivament ma kienx il-każ.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell issir ampja referenza għal numru ta' Regolamenti kemm taħt il-Liġi ta' Malta kif ukoll tal-Unjoni Ewropea fosthom l-Avviż Legali 151 tal-1989, L-Avviż Legali 292 tal-2005, Regulation (EC) № 178/2002 u Council Regulation (EC) № 21/2004 li filwaqt li jipprovdu għal proċeduri relattivi għar-reġistrazzjoni ta' annimali u rziezet, mkien ma jissemma' li n-nuqqas ta' konformità magħhom għandha neċessarjament twassal għall-qatla u t-tneħħija ta' l-annimali.

Mingħajr ebda dubju, il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha sempliċement fuq mera inferenza mill-artikoli referuti matul il-proċeduri, iżda min-naħa l-oħra kkonfermat deċiżjoni arbitrarja fil-konfront tar-rikorrent, liema deċiżjoni ma ssib l-ebda konfort legali stante li l-Liġi nostrana ma tippermetti fl-ebda waqt li nagħġa b'saħħitha tiġi maqtula, kif effettivament ġara u kif issa qiegħed jiġi tentat li jsir fir-rigward tal-kumplament tal-merħla, ħaġa li filwaqt li hija minnha nnifisha illegali, hija għal kollox immorali u kontra l-ħajja ta' l-istess annimal b'saħħtu u ħieles mill-mard.  Illi mhux biżżejjed li jkun hemm suspett ta' mard iżda li dan is-supett għandu jkun wieħed raġonevoli u li d-Dipartiment setà fi kwalunkwe waqt iwettaq it-testijiet qabel jiddeċiedi unilateralment li joqtol in-nagħaġ.

Di più, il-Qorti ta' l-Appell tagħmel sinteżi bejn dak li jipprovi l-Artikolu 76 tal-Kap. 36 tal-Liġijiet ta' Malta mat-Tieni Skeda tal-Kap. 497 tal-Liġijiet ta' Malta, u filwaqt li espressament tgħid li **"ma taqbilx li l-bażi legali tas-setgħa tal-konvenut tinstab fl-Artikolu 76 tal-Kap. 36, madanakollu taqbel li dik is-setgħa toħroġ mit-Tieni Skeda tal-Kap. 497 li fiż-żmien li fih kienet ittieħdet id-deċiżjoni kontestata, għalkemm ma kienitx issemmi espressament il-qtil ta' bhejjem suspettati morda, kienet tipprovdi espressament illi l-**

**konvenut seta' jeżerċita l-funzjonijiet neċessarji sabiex jissalvagwardja s-saħħa pubblika mill-mard li jittieħed mill-annimali"**

Bir-rispett kollu t-Tieni Skeda tal-Kap. 497 tgħid illi d-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti għandu l-funzjoni illi **"jirregola l-pjanti u l-prodotti agrikoli, biex jirregola l-ħarsien tal-annimali u jissalvagwardja s-saħħa pubblika billi jara li l-bhejjem mhumiex morda"**.

Il-Qorti ta' l-Appell għalhekk jidher illi sejset id-deċiżjoni tagħha favur id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulations fuq l-intiża illi l-kompetenza tad-Dipartiment hija dik li *jissalvagwardja s-saħħa pubblika mill-mard li jittieħed mill-annimali*, meta effettivament u fil-verità, it-Tieni Skeda tal-Kap. 497 ma titkellemx b'dan il-mod iżda *li għandu jara li l-bhejjem mhumiex morda*.

Jekk id-Dipartiment kellu jissalvagwardja s-saħħa pubblika kellu jagħmel dan mhux billi jagħti ordni li tinqatel il-merħla iżda kellu l-mezzi kollha a dispożizzjoni tiegħu, fosthom anke li jittestja l-istess bhejjem, sabiex jaqdi l-funzjonijiet akkordati lid-Dipartiment li żgur ma kellhiex tkun il-qatla tan-nagħaġ.

B'dan il-mod isegwi illi d-dritt li l-esponenti jgawdi mill-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew ampjament mċaħħda lilu stante li ma hemm l-ebda dispożizzjoni tal-liġi li tippermetti l-azzjoni hekk meħuda fil-konfront tar-rikorrenti Ġanni Attard.

Din il-Qorti għandha tisma' lil dawk ix-xhieda rilevanti għall-każ in kwistjoni kif ukoll jiġu allegati l-proċessi relattivi għall-proċeduri hawn fuq imsemmija li huma mertu ta' dan ir-rikors. Di più jkun opportun illi minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, din l-Onorabbli Qorti tisma' lir-rikorrent Ganni Attard jaghti x-xhieda tieghu quddiem din l-istess Onorabbli Qorti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-arrest illegali u ż-żamma arbitrarja ta' Ġanni Attard mill-Pulizija Eżekuttiva tivvjola d-dritt tar-rikorrenti, senjatament l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, peress illi huwa nżamm u ġie arrestat mingħajr ebda raġuni valida fil-Liġi.

2. Tiddikjara illi d-dħul u l-qtil tan-nagħaġ fil-propjetà privata tar-rikorrenti Ġanni Attard tikser id-dritt tar-rikorrenti, senjatament l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, peress illi tali dħul sar ad insaputa u fin-nuqqas ta' preżenza tar-rikorrenti Ġanni Attard.

3. Tiddikjara illi d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulations konsistenti fl-isterminazzjoni tal-merħla kollha ta' nagħaġ tal-attur Ġanni Attard tivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti, senjatament l-Artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress illi tali deċiżijoni ma hijiex msejsa fuq id-dispożizzjoni espressa tal-Liġi.

4. Tiddikjara illi l-proċeduri li wasslu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tal-11 ta' Lulju, 2014 u dik tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Jannar, 2016 jivvjolaw id-drittijiet tar-rikorrenti Ġanni Attard, senjatament l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress li ma ngħatax dritt ta' smiegħ xieraq, u li l-istess deċiżjonijiet ma ġewx imsejsa fuq dispożizzjonijiet espressi tal-Liġi.

5. Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni fosthom dawk li tiddikjara li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulations li tinqatel il-merħla tan-nagħaġ ta' Ġanni Attard ma kienitx

ibbażati skond il-liġi u dan stante li hija bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tar-rikorrent Ġanni Attard.

6. Tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tad-Direttur Generali tal-Veterinary and Phyto Sanitary Regulation, li in forza taghha eccepew flimkien illi:

Fil-qasir il-lanjanzi tar-rikorrent huma fis-sens li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikoli 5, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni Ewropea u bl-artikoli 34, 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan minhabba s-segwenti:

1. Allegat arrest illegali tar-rikorrent meta ittiehed fil-*lock-up* gewwa l-ghassa tar-Rabat (Ghawdex) mill-pulizija.

2. Id-dhul u l-qtil tan-naghag fil-proprjetà ta' Ganni Attard sar minghajr il-permess u l-prezenza tal-istess rikorrenti.

3. Id-decizjoni tad-Direttur Generali li joqtol il-merhla naghag tar-rikorrenti mhijiex msejsa fuq dispozizzjoni espressa tal-ligi.

4. Is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri nhar il-11 ta' Lulju 2014 u dik tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar 2016 jivvjolaw id-dritt tar-rikorrenti ghal-smiegh xieraq.

L-esponenti jirrespingu dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi imxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-ligi.

***<u>Ebda ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u>***

Dwar dan l-ilment jinghad minnufih li l-arrest tar-rikorrenti kien pjenament gustifikat u konformi mal-ligi. F'dan il-każ iż-żamma tar-rikorrenti ghal ftit sieghat fil-*lock-up* gewwa l-Ghassa tar-Rabat (Ghawdex) kienet tinkwadra ruħha perfettament taħt **l-artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** b'dana ghalhekk li l-arrest tar-rikorrent seħħ minhabba l-attegjament aggressiv tieghu u l-uzu ta' kliem ta' theddid fil-konfront ta' terzi liema imgieba waslet biex il-pulizija dehrilha necessarju tarresta lir-rikorrent fuq bizà li kien ser iwettaq reat kriminali.

Bhala fatti gara li fit-2 ta' Novembru 2012 ufficjali mid-dipartiment marru Ghawdex biex jaghmlu spezzjonijiet u fost ohrajn spezzjonaw ir-razzett tar-rikorrent li jinsab fil-limiti ta' San Dimitri, Ghawdex. Minn din l-ispezzjoni irrizulta li r-rikorrent kellu ammont sostanzjali ta' naghag mhux registrati u identifikati skond il-ligi u ghalhekk huwa kien qieghed irabbi naghag illegalment minghajr permess dan b'perikolu kbir ghas-sahha pubblika. Dakinhar stess, wara li r-rapprezentant tad-Dipartiment kellem lir-rikorrenti dwar dan in-nuqqas fejn l-istess rikorrenti ma taha l-ebda raguni valida fil-ligi ghal tali nuqqas li jirregistra l-merhla naghag, ittiehdet id-decizjoni mid-Direttur Generali intimat li dawk l-annimali kellhom jigu distrutti. Ghalkemm inizjalment din l-operazzjoni kellha issir fil-gurnata tat-Tnejn irrizulta li l-operazzjoni ta' distruzzjoni tan-naghag bdiet is-Sibt 3 ta' Novembru 2012. Il-pulizija giet infurmata b'dan kollu primarjament sabiex taghti dik l-assistenza necessarja u jinfurmaw lir-rikorrent b'dak li kien ser jigri. Fil-fatt malli l-pulizija infurmat lir-rikorrent li ufficjali minn Malta kienu ser jiddistruggu in-naghag fir-razzett tieghu, l-komportament tar-rikorrent sar wiehed aggressiv tant li fil-presenza ta' ufficjali tal-pulizija huwa ghamel telefonata fejn uza kliem ta' theddid. F'dan ix-xenarju u biex tigi salvagwardjata s-sigurtà ta' terzi, l-pulizija talbu biex jinhareg mandat ta' arrest fil-kontront tar-rikorrent liema arrest gie ikkonvalidat mill-Magistrat Inkwirenti u ghalhekk huwa inzamm fil-*lock-up* tal-Ghassa tar-Rabat sakemm l-operazzjoni ta' distruzzjoni titlesta. Fil-fehma tal-intimati f'dawn iċ-ċirkostanzi kollha l-arrest ta' ftit

sighat tar-rikorrenti saret bit-tharis tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja stante li hawn ghandna każ li kien jiġġustifika l-arrest u l-privazzjoni tal-libertà tar-rikorrenti.

Il-fatt li l-pulizija ma intavolatx proceduri kriminali kontra ir-rikorrent in segwitu tal-arrest tieghu ma jinnewtralizzax is-suspett ragjonevoli li huma kellhom f'dak il-mument li sar l-arrest li setgha jikkommetti reat kriminali u allura l-arrest temporanju tar-rikorrent kienet mizura preventiva ampjament legittima. Mkien la fil-Konvenzjoni Ewropea u lanqas fil-Kostituzzjoni ma nsibu mniżżel li persuna li tkun inżammet arrestata b'mod preventiv għandha l-jedd għal xi forma ta' kumpens awtomatiku jekk hija ma tigix akkuzata quddiem awtorità gudizzjarja.

Għaldaqstant la darba d-detenzjoni kienet waħda ġustifikabbli u permissibbli, ir-rikorrenti mhux korrett jgħid li hu ġarrab ksur ta' l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

***L-ebda ksur tal-artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea***

Dan l-ilment tar-rikorrent johrog mill-fatt li ufficjali mill-awtoritajiet kompetenti kellhom jidhlu fil-proprjetà tieghu sabiex jiddistruggu l-annimali in kwistjoni.

Dwar dan l-ilment jinghad li ghalkemm in-naghag fizikament kienu fil-proprjetà tar-rikorrent (proprjetà li mhux registrata bhala razzett skont il-ligi) irrizulta b'mod car li z-zamma taghhom kienet wahda illegali peress li n-naghag ma kienux registrati u identifikati mal-awtorijatiet kompetenti u kif ukoll ma kellux post licenzjat sabiex irabbi dawn l-annimali. Lanqas l-istess rikorrent ma kien irregistrat mal-awtoritajiet bhala rahhal li seta' jzomm u jrabbi annimali ta' produzzjoni. Ir-registrazzjoni tal-annimali hija wahda essenzjali sabiex tinzamm tracca tal-annimali u kontroll ghal dak li jirrigwarda mard li jista' jigi trasmess b'mod genetiku. Tali traccabilità tipprotegi l-katina tal-ikel u s-sahha pubblika. Irrizulta li r-rikorrenti kien qed jikser

dawn l-obbligi kollha imposti fuqu bil-ligi u ghalhekk il-mizura li ittiehdet mid-Direttur Generali intimat kienet wahda necessarja fl-interess pubbliku u biex tigi mharsa s-sahha pubblika. Inoltre dan gie ikkonfermat mil-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet *Ganni Attard vs. Direttur Generali tal-Veterinary and Phyto Sanitary Regulations* tad-29 ta' Jannar 2016, fejn il-Qorti qalet li l-intimat Direttur Generali kien gustifikat bid-decizjoni tieghu li joqtol in-naghag biex jissalvagwadja s-sahha pubblika mill-mard li jittiehed mill-animali u li tali ordni li jigu distrutti l-annimali kienet ordni legittima.

Min dan johrog mod car li r-rikorrent ma kellu l-ebda setgha jew permess li jipprova iwaqqaf lill-ufficjali milli jaghmlu dak li kellhom jaghmlu kif qed jippretendi fir-rikors promotur. L-esponenti jirrilevaw li ghal darb'ohra r-rikorrenti qed jinjora bl-aktar mod sfaccat il-fatt li huwa qed jopera kontra l-ligi. Illi ma hemm l-ebda dispozizzjoni tal-ligi li tipprovdi li annimali mhux registrati, ghalhekk mhux traccabbli, jistghu jiddahhlu fil-katina tal-ikel u bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista jigi sanat l-operat illegali tar-rikorrenti.

L-esponent jissottometti li l-ebda persuna ma ghandha d-dritt tikser il-ligi u mbaghad tilmenta li l-Istat agixxa proprju biex dak il-ksur jigi rimedjat fl-interess pubbliku. L-intervent li sar fil-proprjetà tar-rikorrenti sehh ghaliex ir-rikorrenti kien qed jopera attività totalment illegali liema attività fl-ahhar mill-ahhar kienet tikkostitwixxi riskju kbir ghas-sahha tal-bniedem.

Kieku verament ir-rikorrenti ghandu ghal-qalbu l-hajja tan-naghag kien jirregistra n-naghag sabiex jigu identifikati u b'hekk ikun konformi mal-ligi. Id-dmir li jirregolarizza l-posizzjoni tieghu kienet fuq ir-rikorrent u fuq ir-rikorrent biss. Id-dhul fil-proprjetà tieghu tinkwarda ruhha f'dak li jipprovdi l-artikolu 38(2)(a)(c) tal-Kostituzzjoni.

F'dan il-kaz ir-rikorrenti qatt ma kellu dritt irabbi naghag minghajr ma jkunu registrati skond il-ligi u ghalhekk l-artikoli invokati minnu dwar vjolazzjoni tal-proprjetà u tal-possedimenti tieghu ma japplikawx f'dan il-kaz.

Ghalhekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghaliex ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

***<u>Dwar l-ilment li d-decizjoni li jinqatlu n-naghag mhijiex msejsa fuq disposizzjoni tal-Ligi.</u>***

Ilment iehor tar-rikorrent hu li peress li skond hu il-qtil tan-naghag in kwistjoni mhux ibbazat fuq dispozizzzjoni tal-ligi dan ifisser li d-dritt fundamentali ghal-smigh xieraq gie vjolat ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fl-umli fehma tal-esponent b'dan l-ilment ir-rikorrent qieghed jistieden lil din l-Onorabbli Qorti taghmilha ta' Qorti tat-Tielet jew tar-Raba' Istanza sabiex terga tirrevedi l-provi u l-konsiderazzjonijiet kollha li saru fil-proceduri ordinarji quddiem il-Qrati Civili. Skond l-esponenti isegwi li din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex taghmilha ta' Qorti tat-tielet istanza u terga tiftah id-diskussjoni tal-mertu tal-kawza civili u ghalhekk it-talba tar-rikorrent hija wahda infondata u insostennibli.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-legittimità tal-azzjoni li ha d-Direttur Generali giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tad-29 ta' Jannar 2016 fejn intqal is-segwenti:

> *"Din il-Qorti ghalkemm ma taqbilx li l-bazi legali tas-setgha tal-konvenut tinstab fl-Artikolu 76 tal-Kap.36, madanakollu taqbel li dik is-setgha tohrog mit-Tieni Skeda tal-Kap 497 li fiz-zmien li fih kienet ittiehdet id-decizjoni kontestata, ghalkemm ma kinitx issemmi espressament il-qtil ta' bhejjem suspettati morda, kienet tipprovdi espressament illi l-konvenut seta' jezercita l-funzjonijiet necessarji sabiex jissalvagwardja s-sahha pubblika mill-mard li jittiehed mill-annimali.*
>
> *Fl-affidavit tieghu Dr. Gruppetta jispjega l-inevitabilità ta' tali decizjoni drastika f'cirkostanzi simili, kif ukoll b'liema mod huwa jkun qed jissalvagwardja s-sahha pubblika meta jiehu tali decizjonijiet bhal dik in dizamina:*

*"Bhala kustodji tas-sahha pubblika ahna nikkunsidraw kull annimal li ma huwiex traccabbli sa l-origini bhala riskju u ma hemm l-ebda skuza biex dan ir-riskju li jista' b'xi mod iwassal ghal mard fil-bniedem jew f'bhejjem ohra jista' bil-ligi jigi risanat jew ri accettat fil-katina tal-ikel."*

***Fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut kellu l-jedd u d-dmir illi, fid-dawl tat-Tieni Skeda tal-Kap 497, kif ukoll tenut kont tat-theddida ghas-sahha pubblika li n-naghag jikkostitwixxu, jiehu l-azzjoni illi ha, u kwindi d-decizjoni tieghu ma hijiex ultra vires imma hija wahda intra vires**."*

Apparti hekk, in-nuqqas ta' registrazzjoni tan-naghag ma kienx l-uniku nuqqas tar-rikorrenti. Mill-verifiki li ghamlu l-ufficjali tad-Dipartiment irrizulta li ma kellux post licenzjat ghall-attività ta' trobbija ta' annimali ta' produzzjoni(necessarja anke ghall-welfare tal-annimal stess), mhuwiex registrat bhala persuna li tipprepara l-ikel u huwa nieqes mill-approvazzjoni necessarja taht ir-Regolament Ewropew 853/2004 li jistabbilixxi certi regoli ta' igjene ghall-ikel li jorigina mill-annimali. Kif qalet tajjeb il-Qorti tal-Appell fis-sentenza citata:

*"Il-fatt illi, kif tajjeb irrilevat l-ewwel Qorti, in-naghag in kwistjoni qatt ma setghu jiddahhlu fil-katina tal-ikel ixejjen l-argument tal-attur illi kieku huwa nghata l-opportunita` huwa seta' iressaq il-kaz tieghu u jipprova illi l-annimali huma hielsa minn kull mard.* ***Galadarba l-proceduri inizjali sabiex dawn in-naghag setghu jigu rintraccjati ma sarux u ladarba l-attur ma pprovax li n-naghag, sal-anqas wahda, kienu minghajr mard allura l-ordni li ta l-konvenut konsegwenza tad-decizjoni tieghu kienet wahda inevitabbli****…*

*Jinghad illi, filwaqt li huwa car li n-nuqqas ta' traccjabilità tan-naghag bil-konsegwenti riskji ghall-bniedem, kienet ir-raguni fondamentali li fuqha il-konvenut ibbaza d-decizjoni tieghu, in-nuqqasijiet l-ohra jservu biex jikkonfortaw tali decizjoni u jitfghu dawl fuq l-istat ta' telqa u illegalità li sfortunatament kien jahdem fiha l-attur, b'riskji evidenti*

*ghall-konsumatur f'kaz li l-prodotti tieghu jidhlu fil-katina tal-ikel.*

*Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq riportati jdghajjfu, jew ahjar igibu fix-xejn, l-argumenti mressqa mill-attur illi l-prezunzjoni ta' mard fuq nuqqas ta' traccabilità ma taghmilx sens."*

Fl-umli fehma tal-esponenti, l-illegalità u l-ksur tal-ligi hija suspett bizzejjed ta' mard tenut kont li ma hemm l-ebda traccabilità tal-annimali fejn ma nafux minn huma l-genituri tal-annimal u lanqas nafu jekk addirritura gew minn xi post esteru fejn jezisti certu mard li f'Malta ma jezistix u li ghalhekk taghhom ma sarux testijiet.

Ir-rikorrenti ma forna l-ebda prova li l-annimali kienu hielsa minn kull marda li tista tolqot lill-ovini u kaprini u lanqas ipprova li kemm huwa, kemm il-post kif ukoll l-annimali kienu registrati. Ghalhekk l-ordni moghtija biex jinqatlu n-naghag kienet msejsa fuq in-nuqqassijiet kollha riskontrati fl-attività illegali tar-rikorrent.

Apparti dan ir-rikorrenti qed jinvoka wkoll lezjoni tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Però dan l-artikolu ma japplikax ghal-kaz *de quo* peress li r-rikorrent fir-rikors promotur qed jilmenta mill-kawza ta' stharrig gudizzjarju. Illi ghalkemm fil-konfront tar-rikorrenti hemm proceduri kriminali pendenti ma jfissirx li gie lez id-dritt tar-rikorrent. L-akkuzi li bihom jinstab akkuzat ir-rikorrenti quddiem il-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali huma cari u bazati fuq il-provvedimenti tal-ligi u ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni ta' nuqqas ta' certezza.

Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli.

***<u>L-ilment dwar nuqqas ta' smigh xieraq</u>***.

Dan l-ilment tar-rikorrenti huwa strettament relatat ma dak precedenti fis-sens li skond hu galadarba m'hemmx dispozizzjoni fil-ligi li tawtorizza lill-intimat Direttur Generali joqtol in-naghag allura is-sentenzi moghtija kemm mill-Qorti tal-Magistrati

(Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri u dik tal-Qorti tal-Appell jivvjolaw id-dritt tieghu ghal-smigh xieraq bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

In kwantu ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibdew biex jissottomettu li l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstema' minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' Andrew Grotrian l-imsemmi awtur jelenka il-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dawn jikkonsistu *inter alia f'*:-

> *"The most etablished right added to Article 6(1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commision has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said : "The court agrees with the Commisison that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."* **(Dombo Beheer BV vs The Netherlands, 27/10/1993).**

> *"The question of whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question of whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under it so-called 'fourth instance formula',it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings."*

Sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalità tieghu. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-process relattiv ghar-rikorrenti li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika.

Fil-proceduri civili in dizamina fl-ebda hin u fl-ebda mument ir-rikorrent ma gie trattat b'mod differenti mill-parti l-ohra u lanqas ma jirrizulta li gie mcahhad minn xi dritt li meta wiehed ihares lejn il-proceduri fit-totalità taghhom jista jikkonkludi li ma kienx hemm *a fair hearing*. Anzi, jirrizulta li l-partijiet kellhom access ugwali ghall-Qorti u ghall-atti kollha tal-kawza, saru n-notifiki kollha mehtiega u kull parti kellha l-opportunità li twiegeb u taghmel sottomissjonijiet. Inoltre il-partijiet kollha kienu legalment rapprezentati u gew trattati indaqs kemm mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) kif ukoll mill-Qorti tal-Appell u finalment is-sentenzi kienu motivati u inghataw fiz-zmien ragjonevoli. Bil-fatt li l-Qrati ma tawx ragun lir-rikorrenti fil-kawza civili zgur li dan wahdu ma jwassalx ghal-ksur tal-jedd ghal-smigh xieraq.

Għalhekk l-ilment tar-rikorrenti kif impost fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi miċħud.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tieghu.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Semghet xhieda viva voce u qieset l-affidavit imressqa.

Rat id-dokumenti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali mressqa mill-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri, Ganni Attard qieghed jilmenta illi c-cirkostanzi madwar il-qtil tan-naghag fir-razzett tieghu fid-data tat-3 ta' Novembru 2012 u wara, jikkostitwixxu lezjoni tal-jeddijiet fondamentali tieghu kif protetti bl-Art. 34, 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 5, 6 u 7 u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-3 ta' Novembru 2012, id-Direttur intimat ta ordni biex merhla naghag, proprjetà ta' Ganni Attard, tigi maqtula.  Din il-merhla ma kienitx regolarment registrata, kif lanqas ma kien regolarment registrat ir-razzett fejn kienet qeghda tinzamm il-merhla.  Meta bdiet il-qatla, Ganni Attard gie mitlub jakkumpanja lill-Pulizija Ezekuttiva fl-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex.  Sakemm il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) laqghet mandat ta' inibizzjoni fir-rigward, lahqu inqatlu aktar minn 200 naghga.  Sussegwentement, wara li l-mandat kien gie milqugh definitttivament, Ganni Attard fetah proceduri fil-Qorti fejn talab dikjarazzjoni li d-decizjoni tad-Direttur intimat kienet illegali ghal diversi ragunijiet.  It-talba giet michuda u minn din id-decizjoni sar appell.  Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti.  Imbaghad gew intavolati dawn il-proceduri.

L-ewwel ilment ta' Ganni Attard huwa li huwa gie arrestat illegalment u mizmum arbitrarjament nhar is-Sibt 3 ta' Novembru 2012 waqt li d-Dipartiment li tieghu huwa Direttur Generali l-intimat, kien qieghed joqtol il-merhla tan-naghag.

F'dan il-kuntest, l-Art. 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi testwalment illi:

> *"(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin: ....*

*"(d) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali; ..."*

*"(2) Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi informat, fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu:..."*

L-Art. 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi wkoll illi:

*"(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi:*

*(ċ) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;*

*"(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet ta' l-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu....*

*"(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens";*

Fil-kaz in ezami il-Qorti qieset zewg fatturi u cioè, jekk kienx hemm fil-fatt arrest jew zamma ta' Ganni Attard dakinhar tal-qatla u, jekk kien hemm, din iz-zamma kienitx skond il-ligi.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi dakinhar li kellha ssir il-qatla tal-merhla, ufficcjali tal-Pulizija fittxew lil Ganni Attard u sabuh l-Gharb. Minn hemm huma haduh maghhom fl-ghassa tar-Rabat. Dan kien xi 9:30 ta' filghodu (ara xhieda ta' P.S.676 Edelon Spiteri fit-23 ta' Gunju 2016).

P.S.138 Joseph Portelli jkompli jispjega illi "..... kien riekeb maghna u morna l-ghassa tar-Rabat. Kellmu l-Ispettur fil-presenza taghna ... ahna konna bilqeghda magenbu sakemm konna l-ghassa ... Jiena ma nistax nghid is-sur Attard setax jitlaq dak il-hin." L-istess ufficcjal jikkonferma illi f'dak il-hin Ganni Attard ma kellux *credit* fil-*mobile* tieghu u gie akkumpanjat minn P.C. 870 biex imur jixtri *card* ghall-mobile. Jirrizulta illi sussegwentement Ganni Attard ittella' f'cella u baqa' hemm mizmum sal-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar ta' dakinhar stess.

Minn dan kollu, il-Qorti hija sodisfatta li, sa mill-mument illi Ganni Attard kien mitlub jibqa' mal-ufficcjali tal-pulizija, bdiet iz-zamma effettiva tieghu mill-istess pulizija.

Galadarba, l-Qorti qeghda tqis li tassew kien arrestat Ganni Attard dakinhar tat-3 ta' Novembru 2012, il-Qorti qeghda tghaddi biex tqis jekk tali arrest kienx skond il-ligi jew inkella arbitrarju.

Kif irriteniet il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri kostituzzjonali stitwiti minn Jennifer Koster fis-sentenza pronunzjata fis-17 ta' Dicembru 2020:

> *"Huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skond "il-proċedura preskritta bil-liġi". F'dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li "the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law[1]" u li ma jkunx wieħed imwettaq b'mod arbitrarju[2]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet*

[1] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th. Edit, 2006), pġ. 463

[2] Op. cit. pġ. § 9.4.7 f'pġ 481

*waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha*[3]*;"*

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-fuq citata sentenza ta' Jennifer Koster kellha hekk xi tghid dwar suspetti:

*"Illi dwar liema hija l-ghamla ta' suspett li jitqies ragonevoli huwa mghallem li dan ifisser li huwa mehtieg li jkun hemm il-bidu ta' provi cari li jqanqlu f'dak li jkun konvinciment morali li hija l-persuna suspettata u mhux haddiehor li ghandu rabta mar-reat imwettaq jew li sejjer jitwettaq, u dan kif kienu jidhru c-cirkostanzi fil-waqt tal-arrest jew taz-zamma." – (sottlinear ta' din il-Qorti).*

Il-Qorti kompliet hekk:

*"Mhux hekk biss, imma jehtieg li tali suspett ragonevoli jibqa' jsehh f'kull waqt li persuna tkun arrestata."*

Fil-kaz in ezami, l-intimati jsostnu li l-arrest ta' Ganni Attard sar minhabba l-fatt li l-atteggjament tieghu malli sar jaf li qed jinqatlu n-naghag, sar wiehed "aggressiv" u li huwa uza kliem ta' theddid f'telefonata li ghamel. Il-Qorti tirreferi ghall-gwida dwar Art. 5 tal-Konvenzjoni kif aggornata fil-31 ta' Awwissu 2022 fejn jinghad illi:

*"81. The second alternative of that provision ("when it is reasonably considered necessary to prevent his committing an offence") does not permit a policy of general prevention directed against an individual or a category of individuals who are perceived by the authorities as being dangerous or having the propensity to commit unlawful acts. This ground of detention does no more than afford the Contracting States a means of preventing a concrete and specific offence as regards, in particular, the place and time of its commission and its victim(s). In order for a detention to be justified under the second limb of Article 5 § 1 (c), the authorities must show convincingly that the person concerned would in all likelihood have been involved in the concrete and specific*

[3] Q.E.D.B. 1.7.1997 fil-kawża fl-ismijiet Giulia Manzoni vs Italja (Applik. Nru. 19218/91) § 25

*offence, had its commission not been prevented by the detention (Kurt v. Austria [GC], 2021, § 186; S., V. and A. v. Denmark [GC], 2018, § 89 and 91).*

*…*

*87. The necessity test under the second limb of Article 5 § 1 (c) requires that measures less severe than detention have to be considered and found to be insufficient to safeguard the individual or public interest. The offence in question has to be of a serious nature, entailing danger to life and limb or significant material damage. In addition, the detention should cease as soon as the risk has passed, which called for monitoring, the duration of the detention being also a relevant factor (S., V. and A. v. Denmark [GC], 2018, § 161)."*

Għandu jigi konsidrat ukoll illi fil-kaz in ezami ma jirrizultax lill-Qorti dak li allegaw l-intimati li l-Magistrat ikkonfermat l-arrest. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis fondat l-ilment ta' Ganni Attard.

It-tieni lment ta' Ganni Attard f'dawn il-proceduri jirrigwarda l-allegazzjoni tieghu ta' lezjoni tal-jedd fondamentali tieghu ghat-tgawdija tal-proprjetà kif sancit fl-Art. 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li testwalment jipprovdu illi:

*37. (1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist."*

Huwa jinvoka inoltre il-protezzjoni tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li testwament jipprovdi illi:

*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."*

Il-principji regolatorji rigwardanti allegazzjonijiet ta' drittijiet ta' proprjetà u t-tgawdija taghha huma ormaj ben stabbiliti fil-gurisprudenza kemm tal-Qrati ta' Malta kif ukoll tal-Qorti Ewropea. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenzi ta' dawn il-Qrati fil-hafna kawzi decizi rigwardanti kirjiet qodma u konverzjoni ta' cnus f'Malta.

Huwa mghallem illi sabiex jigi rispettat id-dettam tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll, kull tehid ta' proprjetà jehtieg isir b'rispett totali tal-ligijiet tal-pajjiz b'ghan legittimu u b'rispett tar-regola ta' proporzjonalità skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Fil-kaz in ezami mhuwiex kontestat illi nghatat l-ordni li jinqatlu n-naghag u fil-fatt dawn kienu digà bdew jinqatlu sakemm saret ordni mill-Qorti biex il-qatla tieqaf. Ghalhekk jinkombi fuq din il-Qorti tistabilixxi:

(i) li l-qatla kienet qed issir taht qafas legali;

(ii) b'ghan legittimu, u

(iii) li l-mizura zammet bilanc gust u proporzjonat bejn l-ghan u l-mezzi uzati.

Il-qafas legali li fl-isfond tieghu nghatat l-ordni lamentata gie mistharreg mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-29 ta' Jannar 2016. Dik il-Qorti qieset li s-setgha li tinghata l-ordni li nghatat kienet tohrog mit-Tieni Skeda tal-Kap. 497 (illum sostitwit b'A.L. 50 tal-2015).

Din il-Qorti ma ssib ebda raguni li twassalha ghal xi fehma diversa, ukoll ghaliex mhijiex il-funzjoni taghha fi proceduri bhal dawn li tagixxi ta' appell ulterjuri.

L-ghan legittimu li ghalih ittiehdet id-decizjoni li jinqatlu n-naghag huwa indiskuss.  Il-protezzjoni tas-sahha pubblika hija fl-interess ahhari ta' kull cittadin u l-istat ghandu l-jedd, anzi l-obbligu li jagixxi kif xieraq biex jintlahaq dan l-ghan.

Il-kwistjoni tal-proporzjonalità tal-azzjoni mmeritat hsieb aktar fil-fehma ta' din il-Qorti.  Gie pruvat illi l-bhejjem ma kienux regolarment registrati però ma rrizultax li kienu effettivament morda.  Madanakollu tenut kont tal-importanza estrema tal-htiega tat-traccjabilità ta' kull ma jidhol fil-katina tal-ikel li ser jasal ghand ic-cittadin, dan il-fatt wahdu kien bizzejjed biex iwassal lill-awtoritajiet jesigu li l-annimali jinzammu immedjatament milli jidhlu fil-katina tal-ikel.  Dan kien jghodd ukoll ghall-prodotti taghhom.  Ganni Attard ma kellux xi zewg naghgiet zghar ghall-kumpannija.  Kellu merhla mdaqqsa li kienet qed tinzamm ghal skopijiet kummercjali ovvji.  Huwa kien ukoll jipproduci l-gbejniet mill-halib tal-istess merhla.  Kollox kien intenzjonat ghall-konsum tal-bniedem.

L-intimat isostni li f'dawn ic-cirkostanzi tezisti l-presunzjoni li l-bhejjem huma morda u ghalhekk jinqatlu.

Din il-Qorti ssib li din il-presunzjoni li annimal mizmum irregolarment huwa annimal marid mhijiex fic-cirkostanzi irragonevoli u tqis ghalhekk illi t-test tal-proporzjonalità huwa b'hekk sodisfatt.

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Affaire S.A. Bio D'Ardennes vs Belgique (12 ta' Novembru 2019) fejn irriteniet illi:

> *"Les autorités nationales disposent d'une certaine marge d'appréciation lorsqu'il s'agit de protéger la santé publique et la sécurité alimentaire sur leur territoire (Chagnon et Fournier, précité, § 57) pour déterminer les sanctions du non-respect des obligations sanitaires, selon les risques engendrés par ce non-respect et les caractéristiques des maladies animales que ces obligations visent à éradiquer.*
>
> *Ces éléments suffisent à la Cour pour conclure que, eu égard à l'importance pour les États de lutter contre les maladies*

*animales et compte tenu de la marge d'appréciation dont bénéficient les États en la matière, la requérante n'a pas eu à subir une charge spéciale ou exorbitante du fait du refus d'indemnisation pour l'abattage de ses bovins."*

Din il-Qorti tikkondividi din il-fehma u tqis li l-azzjoni mehuda ma kienitx leziva tal-jeddijiet ta' Ganni Attard ghat-tgawdija ta' hwejgu.

Madanakollu, l-Qorti tqis li sa fejn possibbli l-qatla ta' annimal mhux konfermat marid ghandha tigi evitata. Dan il-valur jinsab meqjum sewwa fis-socjetà Maltija, tant li jsiru sforzi kbar biex, per ezempju, jigi salvat kelb jew qattus zghir li jkun fil-periklu. Bi tharis ta' dan il-valur, il-Qorti qeghda tikkonferma d-digriet taghha tat-28 ta' April 2016 u ttenni l-kundizzjonijiet hemm imposti fuq Ganni Attard fit-totalità taghhom sa fejn jirrigwardaw il-bhejjem li ghadhom hajjin. Ghalkemm il-Qorti m'ghandhiex cifri quddiema, tqis li, jekk dawk il-kundizzjonijiet gew imharsa, l-merhla llum naqset konsiderevolment. Jibqa' mhux mittiefes il-jedd tad-Direttur intimat li jagixxi kif jidhirlu xieraq u kif taghtih dritt il-ligi jekk u meta jsib li l-kundizzjonijiet mhux qed jigu mharsa skrupolożament. Fid-dawl ta' dan kollu l-ilment qieghed jigi michud.

Ganni Attard jilmenta wkoll illi d-decizjoni tal-isterminazzjoni tal-merhla tilledi l-jedd fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif protett bl-Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan ghaliex id-decizjoni mhux imsejsa fuq disposizzjoni espressa tal-ligi. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghall-konsiderazzjoni taghha maghmula aktar 'il fuq fil-kuntest tal-ilment tieghu rigward privazzjoni tal-proprjetà u tqis li l-istess konsiderazzjonijiet jghoddu sew fir-rigward ta' dan l-ilment.

Finalment Ganni Attard jilmenta minn lezjoni tal-jedd fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq fil-proceduri fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u fil-Qorti tal-Appell li wasslu ghas-sentenza tad-29 ta' Jannar 2016. Ir-raguni li jaghti hija li, skont hu, dawn id-decizjonijiet ma gewx imsejsa fuq disposizzjoni espressa tal-ligi. Il-Qorti ezaminat b'reqqa z-zewg decizjonijiet u ma ssibx gustifikazzjoni ta' dak li qieghed jilmenta minnu r-

rikorrenti.  Ittenni inoltre, kif ga accennat aktar ‛il fuq f'din is-sentenza, illi l-funzjoni tal-Qorti fi proceduri kostituzzjonali ma hijiex dik ta' appell ulterjuri minn decizjoni ta' Qorti ohra.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati fejn jolqtu l-ewwel talba ta' Ganni Attard, tilqaghhom ghall-bqija, u tiddikjara illi l-arrest ta' Ganni Attard nhar it-3 ta' Novembru 2012, kien leziv tad-drittijiet tieghu kif protetti bl-Art. 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.  Minhabba f'hekk takkorda kumpens ta' elfejn Ewro (€2000).

Tichad it-talbiet l-ohra kollha ta' Ganni Attard.

Tikkonferma l-kundizzjonijiet tad-digriet tagħha tat-28 ta' April 2016 kif intqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu kwantu ghall-1/5 mill-intimati u l-bqija minn Ganni Attard.

IMHALLEF

DEP/REG